# "TEŻORI F'BIRKIRKARA"

## *"Il-Qanpiena l-Kbira"*

### *Tagħrif miġbur minn Frans Pullicino*

Il-qniepen, bħal kważi kull strument mużikali ieħor, oriġinaw fl-Asja. Infatti nsibu li fis-sena 800 Qabel Kristu xi Arkeoloġisti sabu qanpiena fiċ-Ċina. Però kien biss fis-sena 550 Wara Kristu li l-qniepen ġew introdotti, u l-ewwel li ġew introdotti kien fi Franza, u fl-Ingilterra daqs 100 sena wara. Xi qniepen f'pajjiżi oħra ilhom jeżistu ħafna u nsibu qanpiena f'Drohndorf fil-Ġermanja bid-data 1098, oħra f'Pisa l-Italja fis-sena 1106. Fontenailles fi Franza għandha qanpiena li teħodna lura sas-sena 1202. Il-qniepen huma aktarx marbuta mal-knejjes, mas-servizzi reliġjużi, ma' xi funeral, twissija lin-nies bil-miġja ta' l-għadu, sinjali ta' ferħ u vittorja, fil-jiem tal-festa li jdoqqu b'pompa kbira. Fil-Greċja l-antika l-qniepen kienu jindaqqu biex jgħarrfu lill-poplu li wasal fis-suq, ħut maqbud frisk. Xi qniepen magħrufin fid-dinja huma, il-Qanpiena tal-Liberta fl-Amerka, Big Ben li qegħda fit-Torri tal-Parlament Ingliż, fl-Londra. F'Malta l-iktar qanpiena antika nsibuha fl-Imdina fl-14 il-seklu. Qniepen li huma l-ikbar fid-dinja huma it-Tsar Kolokol fir-Russja li però m'għadhiex tindaqq, u qegħda fl-art fil-Pjazza l-Ħamra f'Moska, tiżen 201 tunellati. Qanpiena oħra li bħala kobor hija t-tieni waħda fid-dinja, hija waħda mill-qniepen tal-Vatikan. Aħna l-Karkariżi niftaħru li għandna l-ikbar, l-itqal u l-iktar qanpiena magħrufa f'Malta.

Il-Karkariżi dejjem xtaqu li jkollhom qanpiena kbira biex ipoġġuha fil-Kampnar tal-Bażilka ddedikata lil Santa Liena. Għalhekk fl-1891 Ġużè Grech għamel qanpiena li tpoġġiet fil-kampnar, kienet kbira imam ma servietx għal ħafna. Qanpiena oħra, li kellha tonalita li tgħaxxqek kienet dik li għamel Ġulju Cauchi minn Bormla, iżda din ukoll sfortunatament ma servietx ħafna. Għalhekk fil-Karkariżi ta' dak iż-żmien iktar nibtet fihom ix-xewqa li jkollhom qanpiena kbira u sabiħa fil-kampnar tagħhom. Għalhekk il-Prepostu ta' dak iż-żmien Carmelo Bonnici, il-kanonku Dun Karm Bezzina u xi nies oħra kienu nkarigati biex jiġbru fondi għal din il-qanpiena. Damu jiġbru għaliha madwar għaxar xhur. Damet sena tinħadem fil-fonderija Barigozzi ta' Milan u tlestiet nhar l-24 ta' Settembru 1931. Dak iż-żmien kienet tiswa £1300. It-tonalita tagħha kien fdat f'idejn il-magħruf kompożitur Malti Carlo Diacono.

Kien nhar it-Tnejn 12 ta' Jannar 1932 meta l-Karkariżi erħewlha lejn ix-xatt lejn il-Barakka t'isfel u ta' fuq, biex jaraw din l-opra tasal. Kienu l-9.45 ta' fil-għodu, meta l-vapur "M.V. Garibaldi", mgħobbi b'din il-qanpiena, wasal mill-Italja u irmonka fil-Port il-Kbir. Wara li l-kaptan ħatt xi merkanzija oħra, għarraf lin-nies, li peress li kellu xi ħsara fl-apparat ta' l-irmonk, ma segħax iħott il-qanpiena minħabba t-toqol tagħha. Din l-aħbar xejn sabiħa, waslet f'Birkirkara u delegazzjoni magħmula mill-Prepostu Bonnici, u l-kanonċi Gużeppi Micallef u Carmelo Bezzina, marret tkellem lir-rappreżentanti Maltin tal-vapur. Wara ftit, ilkoll flimkien irħewlha lejn il-vapur ħalli jkellmu lill-kaptan tal-vapur. Id-diskussjoni kienet waħda mqanqla

għall-aħħar u sħuna xi ftit għax xi kummenti għaddew min-naħa għall-oħra. Wara ħafna ħin ta' diskussjoni, fl-aħħar ġie deċiż li din tinħatt u l-qanpiena tniżżlet bil-mod il-mod fuq ix-xatt, biċ-ċapċip li jtarrax tal-Karkariżi miġbura. Il-Prepostu ried ikun żgur li l-qanpiena waslet f'Malta f'kundizzjoni tajba u l-ebda ħsara ma kien ġralha, għalhekk talab li tinfetaħ il-kaxxa fejn kienet, u darbtejn b'daqqa ta' martell daqq il-qanpiena. Meta kien sodisatt bil-kundizzjoni tagħha, ta ordni titgħabba fuq karru kbir b'roti tal-ħadid, miġbud bżewġ bgħula u lkoll flimkien, ferħana se jtiru rħewlha lejn Birkirkara bil-qanpiena. Meta waslu Birkirkara bdiet nieżla x-xemx u għalhekk ġie deċiż li jħalluha fit-tarf ta' Birkirkara fejn il-lum hemm Triq Psaila.

Kien ħamest'ijiem wara nhar is-17 ta' Jannar 1932 meta mijiet ta' Karkariżi kulħadd ibiddel lil xulxin, imbuttaw il-karettun li fuqha kienet mgħobbija l-qanpiena sal-pjazza tal-knisja. Minħabba t-toqol tagħha, ma ssograwx jgħadduha minn toroq imħarrbta, għalkemm iqsar u ppreferew ibatu iktar, jieħdu toroq itwal, però fl-istess ħin iktar b'saħħithom. Il-qanpiena għaddiet minn ħdejn il-knisja Sant'Antnin, Triq il-Kbira, Pjazza San Franġisk (ħdejn il-każin tagħna), Triq Santa Liena għall-pjazza. Biex tellgħuha fuq iz-Zuntier għamlu falakki b'saħħithom u speċjali biex jgħaddu r-roti minn fuqhom. Hawnhekk il-qanpiena tpoġġiet fuq bini, mibni t'apposta f'Balal, mill- imgħallem Toni Parnis.

Kien har il-Ħadd 22 ta' Jannar 1932 meta l-Isoqf Mawru Caruana, quddiem il-kapitlu Elenjan kollu u quddiem il-poplu Karkariż li ħareġ bi ħġaru biex jara dan l-avveniment kbir, bierek din il-qanpiena, biex imbagħad l-istess poplu bi tbatija kbira tella' din l-opra f'postha fil-kampnar. Jingħad ukoll li bit-toqol tagħha, huma ju jtellugħa waqgħu lura u forsi aħna l-Karkariżi għalhekk aħna magħrufin "Tal-Warrani Ċatt". Għalkemm fuq din hemm verżjoni oħra għax min jgħid li peress li l-Knisja l-Qadima, kienet il-Parroċċa tagħna, il-poplu ried jġibha fiċ-Ċentru, (jiġbduha għaċ-Ċentru) u waqgħu lura. Tistgħu taħsbu d-dellirju tan-nies, hekk raw il-qanpiena tagħhom f'postha fil-kampnar. Hija qanpiena tiżen 100 Qantar u 9 Rtal. Il-Manku (l-Ilsien) tagħha jiżen 5 Qnatar oħra. Hija għolja 10 piedi u tlett pulzieri u wiesgħa dijametru ta' tmien piedi. Hija l-ikbar qanpiena f'Malta. Hija qanpiena li meta tindaqq tinstema' minn bosta rħula f'Malta u fil-jiem tal-festa tal-padruna tagħna t-tokki tagħha jindaqqu iktar bil-qalb, tokki li jidħlulek f'qalbek. Dan huwa teżor għal qalb il-Karkariżi kollha. Qanpiena li mhux biss issebħilna l-kampnar tagħna, iżda bit-tokki kontinwi u allegrużi tagħha, ifakkruna li reġgħet waslet il-festa tal-Padruna tagħna Santa Liena.


**FASHION FABRICS**

15, MAIN STREET, B'KARA. *(Behind St. Paul's Church)*
TEL: 488870

*Prop. Tessie & Stanley Mifsud*

THE DRAPERY THAT OFFERS YOU ANYTHING REGARDING GENTS & LADIES FASHION CLOTHING AND SPECIALISES IN CURTAINING FABRICS AT REASONABLE PRICES.
***HAVE YOU PAID US A VISIT YET?***

